Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru. 40/2004

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Neil Harrison**
**Vs**

**PIJU GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **PIJU GRECH** ta’ tmienja u ghoxrin sena, imwieled fl-4 ta’ Frar, 1973, Victoria, Ghawdex, iben Emanuel u Carmen nee Vella, residenti fil-fond “Home Sweet Home’, Triq l-Isqof Buttigieg, Nadur, Gozo, detentur tal-karta tal-identita` numru 4773G gie mressaq quddiemha akkuzat talli;

F’dawn il-Gzejjer, cioe` fil-lejl ta’ bejn id-9 ta’ Marzu, 200q u l-10 ta’ Marzu, 2001 kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif susseggwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-FIAT tal-Avukat Generali rilaxxjat ai termini tal-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-tnax ta’ April, 2005 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax ta’ April, 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza b'mod partikolari illi l-imputat spicca l-isptar generali ta' Ghawdex minhabba overdose fuq abbuz ta' droga eroina.

Semghet lid-difiza tghid li l-imputat ghandu problemi psikjatrici tant illi jinsab taht is-sorveljanza ta' psikjatra fejn qed jinghata kura medika u qed jittenta jindirizza din il-problema tieghu b'mod serju.

Rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li din hi l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab hati ta' pussess ta' droga ghalkemm registrat fuq il-fedina penali tieghu hemm numru ta' kontravenzjonijiet u reat ta' serq registrat fuqha.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-ewwel opportunita` moghtija lilu waqt il-presentata, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante, l-fedina penali tieghu w dak dikjarat mid-difiza li l-imputat qieghed taht kura medika.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw li l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat PIJU GRECH hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tiddeciedi li titratta mal-hati billi tpoggi lill-hati taht sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin u dana skond l-ordni tal-probation anness ma din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skond l-artikolu 7 (8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jinnomina persuna idonea ghal dan il-ghan.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati probationer u x'jigri f'kaz illi huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------